# Nieklu n-Natura

minn Rachelle Deguara

Il-poplu jrid il-paċi, is-serħan u s-skiet,
ikun jista' jagħmel passiġġati qalb il-mgħodijiet,
ħtiġijiet naturali, nistgħu ingawdu l-bajjiet,
tħares 'il fuq, minn tal-inqas żewġ krejnijiet, xiex?

Serħan tal-moħħ għall-futur,
mhux telfien ta' wirt storiku li jispiċċa mirdum,
taħt fabbriki wżati biex jikkastraw l-unur,
marċi funebri ddedikati 'l-futur.

Fridna lill-MEPA mill-ERA
biex niddefendu l-ambjent.
Mill-ERA passata u l-MEPA riċeviment.
L-ambjent taħt theddida, bi pjanijiet ta' żvilupp,
kapitaliżmu, viva l-konsum!

Navvalenaw l-ibħra, sa ma fihom ma tistax tgħum,
nifgaw it-toroq, sakemm *exhaust* biss ixomm,
il-kanċer kwistjoni li fuq ħajjitna kontroll,
inżomm din li l-opinjoni, McDonald's ieħor mhux bżonn.

Nieħdu dan l-irwol ta' ċittadini b'vuċi,
intom li għal qalbkom in-natura, niddefendu il-liġi
biex f'ODZ l-ebda żviluppatur ma jirfes,
l-interess fuq suġġett li bla rispett, ir-rata niżlet.

Tan-natura naturali li tipprovdilna l-essenzjali,
widien naturali, li mill-poplu stess miċħuda.
Skart mormi bl-addoċċ, poplu li ta' artu stess Ġuda.
Nuża' dawn il-mezzi u ma nappoġġja l-ebda skuża

Għax...

Ir-rgħiba fuq il-ħtieġa u profitt minn fuq in-nies,
nieklu min-natura biex indaħħlu fl-ibwiet.
Ir-rgħiba fuq il-ħtieġa u profitt minn fuq in-nies
nieklu min-natura biex indaħħlu fl-ibwiet.

l-art li titimana, noħonqu mingħajr ma nindunaw.
Il-MEPA toħroġ permessi u nies jirrabjaw,
dfintuna ġo artna, xi drittijiet qed ningħataw?
Imbilli ċekk tirċievi għax ħdejn impjant tgħix,
in-natura irriversibbli u l-flus ma jiġux mix-xejn,
il-futur mistoqsija, li m'għandux risposta,
ingawdu l-ġid kollu, b'deċiżjoni mhux f'postha.

It-tfal jaħbtu ma' xulxin, marru biex jilgħabu u
sabu żewġ gafef mixgħulin.

Bulebel post rikk, qabel intefa' l-konkos,
nibżgħu għal li fadal, għax il-ħarrub irdoss.
Deċiżjonijiet, li ma jiddefendux il-futur,
ta' sodisfazzjon temporanju, żgur fejn indur
La tinqata' l-aħħar siġra, nnlaqtu milli jkun baqa'.
il-ġid komuni meħud mis-suq ħieles,
ODZ xi ftit kampanja, li wkoll qed jiġi nieqes.